# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura
Laqgħa Numru 9/2021

28 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

9.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kien ikkuntattjah il-President tar-Reġjun li konna ser nagħmlu parti minnu sabiex jiltaqa' mal-Kunsill. Huwa qal li kien ser jattendi xi ħin waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

## 9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

9.1.1 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ref punt 8.1.4 għandha titniżżel tabella ta' isem it-Triq (Sqaq Ħannux).

9.1.2 Il-Viċi Sindku qal li ref punt 8.1.9 (mera maqlugħa l-isfel mill-Ġnien ta' Ball) jekk il-mirja jinżebgħu bis-silverin fuq wara ma jitqaxrux daqshekk malajr u jservu aktar. Il-Kunsill qabel li tkun idea tajba jekk jibda jsir dan.

9.1.3 Il-Viċi Sindku qal li ref punt 8.2.3 (survey tal-pjazza) fi żmien preċedenti dan is-survey diġa' kien sar u għalhekk il-Kunsill kien seta' jiffranka dan is-Survey. Is-Sindku qal li sfortunatament is-survey diġa' kien sar.

9.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa lis-Sindku ref punt 8.3.12 (laqgħa mal-ispettur). Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa kien insista li hekk kif ikunu qegħdin jagħmlu l-ronda l-pulizija ikun aktar ta' benefiċċju jekk jinżlu fiżikament u mhux kemm joqgħodu fil-karozza. Il-Kunsill iddiskuta l-vandaliżmu u l-problemi li l-Kunsill kien qed jiffaċċja u kemm hija mportanti li jkun hemm sorveljanza f'dawn iż-żoni.

9.1.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien minn żmien għal żmien jirċievi lmenti li x-xemx kienet qegħda tirrifletti fuq l-ATM bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu jaraw l-screen huma u jagħmlu użu mill-istess ATM. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment pero' minħabba s-sigurta' u c-CCTV, l-Kunsill qabel li ma jista' jsir xejn.

## 9.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.2.1 Is-Sindku qal li l-Proġett tar-Roundabout fi Triq il-Karwija kien beda. Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kien attenda laqgħa fejn ġie diskuss fejn ġejjin l-emblema u l-arblu. Huwa ta' spjegazzjoni ta' kif ġej ix-xogħol kif ukoll l-kuntratt li l-Kunsill kellu jiffirma minħabba li l-Kunsill kien ser jagħmel użu ta' art sabiex jeħlu l-panelli solari.

9.2.2 Is-Sindku qal kien sar wieħed mill-ħames charging points għall-karozzi elettriċi li l-Kunsill kien identifika fi Triq il-Menqa quddiem l-Kunsill Lokali. Huwa spjega li kienu saru żewġ 'charging pillars' sabiex jiġu ċċarġjati żewġ karozzi fl-istess ħin.

Il-Laqgħa ġiet sospiża għal ftit u l-Kunsill laqa' lill-President tar-Reġjun Punent is-Sur Sandro Azzopardi, ir-Reġjun il-ġdid li l-Kunsill ta' Ħal Safi ser jifforma parti minnu minn Jannar 2022 biex jagħti informazzjoni tal-ħidma li qed titwettaq biex ikun jista' jibda jiffunzjona r-Reġjun il-ġdid.

Il-laqgħa kompliet 5.36pm

9.2.3 Is-Sindku avża li x-xogħolijet fuq il-ħitan tas-sejjieħ fejn kien applika għalih il-Kunsill kienu ser jibdew fil-ġranet li ġejjin.

9.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iltaqa' mal-kuntrattur tal-Knis sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-knis mar-raħal. Huwa qal li għal din il-laqgħa kien attenda ukoll il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla fejn saret enfasizza sabiex il-kennies jagħmel it-toroq kollha skont l-iskeda. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur kien lest ukoll li jżid il-ħinijiet tax-xogħol tal-kennies sabiex dan ikun jista' jlaħħaq max-xogħol.

9.2.5 Is-Sindku qal fuq l-istess punt jiġifieri l-problema tal-knis mar-raħal kellu laqgħa ukoll mal-ħaddiema tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv u wieħed mill-iskrivani sabiex l-ħaddiema tal-Kunsill waqt li jkunu qegħdin jaqilgħu l-ħaxix mit-toroq jibdew jikinsu t-toroq ukoll skont skeda mħejjija apposta biex ma jaħbatx mal-iskeda tal-kennies. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-iskrivan jibda jidħol siegħa qabel il-ħin tax-xogħol sabiex issir il-koordinazzjoni tax-xogħol.

9.2.6 Is-Sindku qal li l-Green Wardens kienu qed ikunu preżenti f'Ħal Safi u diġa' kienu ħarġu numru ta' ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li biż-żmien naraw kif kienet ser tiżvolġi s-sitwazzjoni.

9.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ilmenta li fil-pjazza wara li jagħlqu l-każini kienu qed iħallu l-basktijiet tat-take away fuq il-bankijiet. Il-Viċi Sindku qal forsi nistgħu ngħidu lil *barman* inaddfu filgħodu, pero' il-Kunsll qabel li l-Pjazza l-kennies jgħaddi kuljum u għalhekk jista' jinġabar mill-kennies.

9.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien irċieva lment minn wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill tal-iskema għaliex ma kienx qed isib koperazzjoni minn sħabu l-ħaddiema l-oħra.

9.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kennies irid jagħmel it-tindif tal-bankina ukoll għaliex milli jidher dan ma kienx qed iqisu bħala xogħolu.

9.2.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward is-Soft Area ta' Triq il-Kuċċard u t-tindif tagħhom li jinkludi wkoll ic-central strip ta' nofs it-triq.

9.2.11 Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus qal li t-tabella biex iħallu l-boroż wara l-bieb tar-residenti li saret ħdejn il-bin ta' faċċata tal-pompa tal-Petrol kienet tidher li ħadmet.

9.2.12 Il-Viċi Sindku qal li kien ittella' filmat fuq il-midja soċjali fuq l-iskart f'post privat. Il-Kunsill iddiskuta li dawn il-persuni kienu ġew inaddfu l-għelieqi imbagħad ħammġu it-triq bl-istess skart li kienu ġabru.

9.2.13 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Blood Donation Unit kienu rringrazzjaw lill-Kunsill tal-kollaborazzjoni u qalet ukoll li l-ġurnata li jmiss hija 23 ta' Jannar 2022.

9.2.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet ser tiltaqa' mal-mentoring unit sabiex jitqassmu l-flyers fid-djar waqt li jispjegaw x'tinvolvi l-mentoring lin-nies.

9.2.15 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna qalet li l-Kunsill seta' jibda jaħseb sabiex jorganizza xi attivitajiet għar-residenti.

9.2.16 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-laqgħa ta' informazzjoni dwar d-Dimentia li kienet saret fis-16 ta' Settembru intlaqgħet tajjeb ħafna.

Is-Sinjorina Joana Abdilla ġiet skużata mil-laqgħa 18:13.

9.2.17 Is-Sindku s-Sur Johan Mula qal li l-librara tixtieq tagħmel attivita' żgħira għal Halloween. Il-Kunsill qabel.

9.2.18 Is-Sindku s-Sur Johan Mula qal li l-librara kienet ser tagħmel attivita' oħra flimkien maċ-Ċentru LEAP u kkonferma li l-miżuri kollha neċessarji minħabba l-pandemija kienu ser jiġu osservati. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

9.2.19 Is-Sindku qal li l-ġimgħa ta' wara l-laqgħa kien ser isir citizens meeting fejn is-Sindku tal-Qrendi kien qed jitlob li juża s-sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-attivitajiet fis-sala kellhom isiru l-Ġimgħa 1 t'Ottubru filgħodu u l-għada s-Sibt wara nofsinhar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna noffruhielu mingħajr ħlas.

9.2.20 Is-Sindku qal li kien avviċinat minn persuna sabiex jinżergħu arbuxelli fejn il-Kunsill jidentifika post fejn għandhom jinżergħu u jintrabat li jsaqqi sakemm jaqbdu. Is-Sindku spjega li t-tisqija trid issir tal-anqas darba fil-ġimgħa fix-xitwa u darbtejn fis-Sajf. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistaqsu x'tip ta indiġeni ser jinżergħu għaliex mad-dawra tal-Kunsill kellna bzonn kbir.

9.2.21 Is-Sindku preżenta ktieb ġdid ta' poeżiji minn Jonathan Falzon u propona li l-Kunsill jixtri żewġ kotba minnhom għal-librerija. Il-Kunsill qabel.

9.2.22 Is-Sindku s-Sur Johan Mula ressaq il-kwotazzjoni ta' l-isfel miċ-ċimiterju ta' Triq Ta' Rqajja sabiex isiru r-road markings mal-art biex ikunu gwidati aħjar il-karozzi. Il-prezz tal-kwotazzjoni hija ta' €542. Il-Kunsill approva.

9.2.23 Is-Sindku s-Sur Johan Mula ressaq kwotazzjoni sabiex isir ir-restawr tal-lapidi li għandna fir-roundabout tal-Karwija u oħra ħdejn l-grawnd tal-futbol għal prezz ta' €400. Il-Kunsill approva.

9.2.24 Is-Sindku qal li kienet avviċinatu persuna li kien hemm tabella mal-art fi Triq it-Torri ta' Ġawhar. Huwa qal li kien bagħat lill-ħaddiema sabiex jigbru l-istess tabella pero' l-ħaddiema ma kinux indunaw li t-tabella kienet tqaċċtet u li kien fadal biċċa ħadida ħierġa mill-art. Is-Sindku qal li issa persuna kien ġie jilmenta li ċarrat it-tyre tal-karozza ma din il-ħadida u li kienet qed titlob kumpens ta' €60. Il-Kunsill approva l-ammont ta' €60 għal xiri ta' tyre ġdid.

9.2.25 Is-Sindku qal li kien irċieva lment minn persuna li toqgħod Misraħ San Ġużepp li l-parkeġġi ta' quddiem id-dar tiegħu kienu qed jostokolawlu l-entratura tad-dar bil-konsegwenza li jkun diffiċli li joħorġu l-mara fuq l-istretcher għall-ambulanza. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandhom jiċkienu ż-żewġ parkeġġi li hemm sabiex il-wisgħa tal-bieb quddiem id-dar jibqa vojt

9.2.26 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex isiru l-parkeġġi f'Misraħ San Mattew in-naħa ta' ġewwa. Il-Kunsill iddiskuta fejn il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra l-proġett ta' Slow Streets qabel ma jsiru xi linji bojod. Għalhekk il-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux linji f'Misraħ San Mattew.

9.2.27 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ressaq ilment li l-parkeġġi fi Triq Qerd in-Naħal kien hemm parkeġġ żgħir ħafna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li qegħdin skont il-qisien.

9.2.28 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ħa jibbenfika minn skema tal-Free Wifi tal-Unjoni Ewropea għal ħames snin u għalhekk kellu jipproponi tlett siti fejn jistgħu jitwaħħlu dawn l-points għal free wifi antennas. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ewwel għandna nitkellmu mat-teknixians fejn ġejjin il-points li jistgħu jkunu outdoors u/jew indoors skont il-kundizzjonijiet tal-iskema.

9.2.29 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn persuna fi Trejqet it-Twemmin bis-suġġeriment li parkeġġ żgħir jinbidel f'parkeġġ għal muturi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu jsir ristrutturar tal-parkeġġ.

9.2.30 Is-Sindku qal li resident minn Triq San Pawl kien mess il-bankina għaliex deherlu li ma kinitx ġiet tajba. Is-Sindku kkonferma li huwa diġa' kien bagħat lill-Perit ta' Infrastructure Malta sabiex forsi jerġgħu jirranġawha.

9.2.31 Is-Sindku ressaq talba oħra sabiex teħel mera fi Triq iż-Żurrieq viċin il-ħanut. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha teħel mal-ħajt tas-sejjieħ.

9.2.32 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex teħel mera fi Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li kien qed jitlob li l-mera turi l-karozzi telgħin u niżlin, il-Kunsill qabel li għandna nikkunsultaw mar-resident sabiex naraw kif irid il-mera.

9.2.33 Is-Sindku qal l-Kunsill kien irċieva talba sabiex ma jipparkjawx karozzi goffi fi Triq San Ġwann kif iddur mar-razzett. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ewwel għandna naraw jekk ikunx biżżejjed li teħel tabella sabiex ma jipparkjawx inġenji kbar biss u mhux jitneħħa l-parkeġġ kollu.

9.2.34 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident sabiex ikollu *Reserved Parking Bay* fl-isqaq ta' Santa Marija. Hija qalet li din il-persuna diġa' kellha *keep clear* barra mill-isqaq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna noġġezzjonaw il-proposta għaliex fl-isqaq setgħu jidħlu biss vetturi kemm jgħabbu/jħottu (un/loading).

## 9.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li f'Misrah tal-Ħlantun kien hemm żewġ tappieri maqlugħin u kien jinħtieġ li jiġu rranġati.

9.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li quddiem il-Kunsill kien hemm tlett plots b'ħafna mbarazz fihom u ssuġerixxa li għandhom jitnaddfu.

9.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kellu jidentifika post fejn setgħet titħawwel siġra tal-prinjol. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma kienx hemm qbil fejn setgħet titħawwel din is-siġra.

9.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx hemm protocol f'liema festi nazzonali l-Kunsill għandu jtella' l-bandiera fuq il-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ntellgħu l-bandiera f'dawn il-ġranet:

31 ta' Marzu
7 ta' Ġunju,
8 ta' Settembru
21 ta' Settembru
13 ta' Diċembru

9.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li għal proġett Slow Streets kienet saret l-aħħar laqgħa tas-sotto kumitat fejn kienu għalqu d-diskussjonijiet. Huwa spjega b'xi tibdiliet żgħar u x'kien qiegħed jiġi ssuġġerit. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir laqgħa mar-residenti fejn il-Kunsill jiddiskutu r-rotta ta' kif kienet ġejja t-traffic management.

**9.4 Ġnien Dun Karm Vella**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ilu jikkonsidra l-idea tal-underground parking taħt Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal li l-idea tal-underground parking hija tajba ħafna pero' l-biża hija li qatt mhu ħa nsibu min jidħol għaliha u fil-frattemp inkunu qegħdin inħallu l-ġnien mitluq. Huwa propona li l-Kunsill għandu japplika sabiex inġibu d-devoluzzjoni tal-Ġnien u naraw jekk nistgħux insibu opportunita' sabiex l-Ġnien jiġi rinnovat. Il-Kunsill qabel.

**9.5 Performance Report for 2020**

Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Wasteserv rigward il-Performance Report. Il-Kunsill iddiskuta sabiex jiġi identifikat fejn il-lokalita' ta' Ħal Safi ma tilħaqx l-aspettattiva tal-Wasteserv u fejn nistgħu naħdmu sabiex inkunu aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa meta kienu ser isiru x-xogħolijiet tal-gutters fi Triq l-Iskola. Is-Sindku kkonferma li x-xogħolijiet ma kinux ser isiru għal issa għaliex minn naħa ta' Infrastructure Malta kien hemm problema kbira ta' nuqqas ta' ħaddiema u l-Kunsill iħoss li ma jistax jaċċetta li jibdew ix-xogħolijiet u jieqfu fin-nofs. Il-Kunsill qabel.

**9.6 Korrispondenza**

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni sabiex isiru id-dwal fix-xaft tal-lift għal prezz ta €88.50 u kwotazzjoni oħra sabiex ndaħħlu linja tat-telephone skont il- fil-lift għal prezz ta' €295. Il-Kunsill approva.

9.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet komunikazjoni ta' talba għall-użu tas-sala għal darba sabiex tiġi orġanizzata tombola bħala fund raising għal l-NGO li għamlet it-talba. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nitolbu sabiex naraw jekk għandhomx permess li jorganizzaw din l-attivita'.

9.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll komunikazzjoni minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar sabiex issir attivita' kulturali għal żmien il-Milied. Hija qalet li għal din l-inizzjattiva' kellu jintgħażel Kunsill mir-Reġjun li jibbenefika sa massimu ta' €5,000. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nieħdu sehem b'kollaborazzjoni mal-Kor Sine Macula tal-Parroċċa ta' Ħal Safi sabiex norganizzaw kunċert bit-tema tal-Milied.

9.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll espressjoni ta' nteress maħruġ mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex issir attivita' bit-tema tal-Milied ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19 il-Kunsill m'għandux japplika għal din l-inizjattiva.

**9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament

**9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-8.44pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru, 2021 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv